# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 463.44

## REGOLAMENTI DWAR GĦAJNUNA GĦALL-INNOVAZZJONI GĦALL-INTRAPRIŻI ŻGĦAR U MEDJI (SMES)

1 ta' Settembru, 2021

*L-AVVIŻ LEGALI 79 tal-2022.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar Għajnuna għall-Innovazzjoni għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs). Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463.

"impriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"intrapriżi żgħar jew medji" jew "(SMEs)" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat;

"Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa taħt l-Att;

"Linji Gwida" tfisser il-Linji Gwida li jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"organizzazzjoni ta' riċerka u t-tixrid tal-għarfien" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

**3.** (1) SME tista' tfittex għajnuna minn organizzazzjoni ta' riċerka u t-tixrid tal-għarfien biex attivament tidħol f'attivitajiet ta' innovazzjoni, biex ikollha aċċess għal għarfien espert, għarfien u riżorsi biex tiżviluppa prodotti, proċessi u servizzi ġodda, innovattivi u mtejba. Intrapriżi kwalifikanti.

(2) Fejn il-Korporazzjoni tkun sodisfatta li SME qiegħda twettaq proġett innovattiv, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi tali impriża b'assistenza finanzjarja skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida.

(3) Impriża eliġibbli għandha tikkwalifika għal għotja fi flus biss jekk il-proġett iwassal għall-ħolqien, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' prodott, proċess jew servizz ġdid bil-għan li jtejjeb l-effiċjenza, l-effettività jew il-vantaġġ kompetittiv.

Spejjeż eliġibbli.

**4.** L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu spejjeż relatati mas-sekondar ta' persunal bi kwalifiki għolja, servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ meħtieġa, speċifikament imġarrba għall-implimentazzjoni tal-proġett innovattiv kif preskritt aktar fil-Linji Gwida.

Intensità tal-għajnuna.

**5.** (1) L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż il-ħamsin fil-mija (50%) tal-ispejjeż eliġibbli. L-għajnuna massima għal kull sħubija ta' riċerka tan-negozju għandha tkun ta' mitt elf euro (€100,000).

(2) Fil-każ ta' għajnuna għal servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ, l-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied sa mija fil-mija (100%) tal-ispejjeż eliġibbli sakemm l-ammont totali ta' għajnuna għas-servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ għandu jkun sa massimu ta' mitejn elf euro (€200,000) għal kull impriża fi kwalunkwe perjodu ta' tliet (3) snin.

Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

**6.** (1) L-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni qabel il-31 ta' Awwissu 2023.

(2) Ebda għajnuna taħt dawn ir-regolamenti ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2023.